



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.2.2025
COM(2025) 46 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss

1. INTRODUZZJONI: IL-BAĠIT TAL-UE FIL-QALBA TAL-PRIJORITAJIET TA' POLITIKA TAL-UE

Il-baġit tal-UE huwa fil-qalba tal-azzjoni politika tal-Unjoni. Għal deċenju wara l-ieħor, huwa kellu sehem fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-għajxien taċ-ċittadini, il-bdiewa, ir-riċerkaturi, in-negozji u r-reġjuni madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Il-valur veru tiegħu deher fl-għajjnuna li nġhatat biex jingħelbu l-kriżijiet tal-pandemija u dik tal-enerġija, u b'hekk ġew salvati miljuni ta' impjiegi matul il-lockdowns, u saru investimenti fil-futur nadif u diġitali tagħna. Jekk nagħtu ħarsa lura, meta konna ffaċċjati minn waħda mill-aktar kriżijiet sinifikanti ta' dawn l-aħħar snin, il-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi wiesa' tagħha, l-UE wieġbet b'NextGenerationEU u bil-qafas finanzjarju pluriennali 2021-27. Dan witta t-triq għal irkupru ekonomiku malajr, filwaqt li għamel l-Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali, u valida għall-futur. Hekk kif il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja qrib il-fruntieri Ewropej wasslet għall-ħtieġa ta' azzjoni malajr, biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna u jiġu indirizzati l-ispejjeż tal-enerġija li qed jiżdiedu, il-baġit tal-UE kompli juri l-effettività tiegħu.

L-iskala tal-isfidi ffaċċjati f'dawn l-aħħar snin kienet teħtieġ rispons proporzjonat u komuni tal-UE. Il-prijoritajiet politiċi emerġenti kienu appoġġati minn inġim imdaqas, bin-nefqa ddedikata għar-riċerka, il-migrazzjoni, id-difiża u l-azzjoni esterna tilħaq l-oġġli livelli meta mqabbla mal-baġits pluriennali preċedenti. Għall-ewwel darba, ġie pprovdut finanzjament fuq skala kbira għar-riformi biswit l-investimenti – li kompli jżid l-impatt tan-NextGenerationEU. Bl-istess mod, inġhatat l-akbar importanza lill-istat tad-dritt, permezz tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità li jipproteġi l-fondi tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Madankollu, hekk kif tfaċċaw ħtiġijiet u emerġenzi ġodda u hekk kif żdiedu s-sejħiet għal azzjoni fil-livell tal-UE, il-baġit tal-UE ġie estiż sal-limiti tiegħu, u dan wassal għall-ħtieġa ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu fl-2024. Appoġġ b'saħħtu u prevedibbli għall-Ukrajna, it-tiħiħ tal-programmi tal-migrazzjoni u tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-appoġġ għas-ħħab ġirien tal-UE u l-pajjiżi tat-tkabbir kienu ħtiġijiet ġeopolitiċi; it-teknoloġiji kritiċi kienu jeħtieġu aktar appoġġ. Ir-rati tal-imġħax volatili u ż-żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament kienu jeħtieġu soluzzjonijiet *ad hoc* u flessibiltajiet akbar. L-ewwel reviżjoni li qatt saret tal-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju pluriennali ġabet magħha riallokazzjonijiet sostanzjali u l-ħolqien ta' strumenti speċjali ġodda.

Iż-żieda fl-aspettattivi għall-azzjoni tal-UE tirrifletti l-ħtieġa li l-baġit tal-UE jiġi kkunsidrat mill-ġdid. L-oġġettiv ta' Ewropa ħielsa, demokratika, qawwiya, sigura, prospera u kompetittiva deskritt fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni l-ġdida u fl-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew għall-2024-2029 jeħtieġ li jintlaħaq f'kuntest ġeopolitiku li joffri sfidi kbar. Dan se jirrikjedi baġit tal-UE riformat u msaħħaħ. Barra minn hekk, fl-2028 se jibda l-ħlas lura tas-self tan-NextGenerationEU, li kellu rwol kruċjali għar-rispons fiskali unifikat għall-kriżi. Tali ħlas lura se jżid mal-ħtiġijiet finanzjarji tal-qafas finanzjarju li jmiss.

Jeħtieġ li l-Ewropa taħdem f'sitwazzjoni paradossali: ma jistax ikun hemm baġit tal-UE adattat għall-ambizzjonijiet tagħna u b'mod partikolari li jiżgura r-rimborż ta' NextGenerationEU, u, fl-istess ħin, kontribuzzjonijiet finanzjarji nazzjonali stabbli mingħajr ma jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda. Jeħtieġ li jsiru l-għażliet.

Din il-Komunikazzjoni tiddeskrivi xi wħud mill-isfidi politiċi u baġitarji ewlenin għall-qafas finanzjarju li jmiss, biex jitnieda **djalogu wiesa' biex jgħin fit-thejjiya tal-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.**

2. SFIDI TA' POLITIKA GĦALL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

Il-baġit futur tal-UE għandu jiffoka fuq sfidi komuni fejn l-infiq fil-livell Ewropew jikseb l-ogħla valur miżjud. Ftehim wiesa' dwar "x'għandu jiġi ffinanzjat" – jiġifieri, dwar l-ħtiġijiet ta' investiment għas-snin li ġejjin – huwa prerekwiżit fundamentali biex jintlaħaq qbil dwar "kif" għandu jsir il-finanzjament – billi jiġu mobilizzati l-investimenti privati, permezz tal-baġits nazzjonali jew permezz tal-baġit komuni tagħna tal-UE, u liema għodod għandhom jintużaw f'dan tal-aħħar.

Il-kompetittività Ewropea hija mxekkla mill-ostakoli li fadal fi ħdan is-suq uniku, minn kompetizzjoni internazzjonali inġusta, prezzijiet għoljin tal-enerġija, nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema u minn diffikultajiet għan-negozji biex jaċċessaw il-kapital li jeħtieġu. L-ekonomija Ewropea għandha vantaġġi importanti – ekonomija miftuħa, kompetizzjoni tas-suq qawwija, mudell ta' benesseri b'saħħtu b'livelli baxxi ta' inugwaljanza kif ukoll standards għoljin ta' governanza, saħħa, edukazzjoni u protezzjoni ambjentali, kif ukoll rikkezza kulturali unika. Madankollu, bdew jidhru b'mod ċar xi dgħufijiet. L-infiq pubbliku fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa huwa limitat – peress li sehem wieħed biss minn kull għaxra jseħħ fil-livell Ewropew, u huwa mifruq fost ħafna oqsma – u mhux ieffukat biżżejjed fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja¹. Fl-2023, in-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp fl-UE kienet ta' EUR 381 biljun, jew 2.22 % tal-PDG tal-UE, li ma tilħaqx il-mira ta' 3 %². Bl-istess mod, il-kumpaniji tal-UE nefqu madwar EUR 270 biljun inqas fir-riċerka u l-iżvilupp mill-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Uniti fl-2021³. L-istruttura industrijali hija statika: ma ġiet stabbilita l-ebda kumpanija tal-UE b'kapitalizzazzjoni tas-suq ta' aktar minn EUR 100 biljun f'dawn l-aħħar 50 sena, filwaqt li f'dan il-perjodu nħolqu s-sitt kumpaniji kollha tal-Istati Uniti b'valwazzjoni ta' aktar minn EUR 1 triljun. Id-distakk persistenti fil-finanzjament privat għall-investiment tat-tkabbir fi stadju avanzat⁴ ifixkel il-kapaċità tal-kumpaniji tal-UE li jespandu. Madwar l-ekonomija kollha tal-Ewropa qed jidhru wkoll diskrepanzi fil-ħiliet, li ssir akbar hekk kif il-forza tax-xogħol qed tiċkien⁵. B'mod ġenerali, il-kompetittività futura tal-Ewropa se tiddependi fuq il-kapaċità tagħna li nibdew era ġdida ta' invenzjoni u inġenwità, filwaqt li npoġġu r-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija, fiċ-ċentru tal-ekonomija tagħna.

L-UE qed tiffaċċja theddid għas-sigurtà li qed jizzied fost tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru. Il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea sofriet wara għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' investiment: bejn l-1999 u l-2021, l-infiq kombinat għad-difiża tal-UE żdied bi 22 %, meta mqabbel ma' 66 % fl-Istati Uniti, 289 % fir-Russja u 579 % fiċ-Ċina⁶. L-Istati Membri li huma membri tan-NATO impenjaw ruħhom li jonfqu mill-inqas 2 % tal-PDG tagħhom fuq id-difiża, iżda mhux kollha laħqu dik il-mira, filwaqt li qed jiġi kkunsidrat li din il-mira togħla. Anki l-kollaborazzjoni hija limitata: L-Istati Membri fadlilhom sew biex jilħqu l-punt ta' riferiment li stabbilew għalihom infushom aktar minn 15-il sena ilu li jinvestu 35 % flimkien fi proġetti kollaborattivi Ewropej⁷. Il-frammentazzjoni minħabba l-fruntieri

¹ Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Part A – A competitiveness strategy for Europe (Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa).

² Sors: Eurostat. Bħala paragun, dan huwa rispettivament 3.4 % u 4.8 % tal-PDG fil-Ġappun u fil-Korea t'Isfel.

³ Draghi, M. (2024), *ibid*.

⁴ Il-Bank Ewropew tal-Investment, 2024. *The scale-up gap: Financial market constraints holding back innovative firms in the European Union*.

⁵ Letta, E. (2023), Much more than a market – Speed, security, solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens. (L-ghoti tas-setgħa lis-Suq Uniku biex johloq futur sostenibbli u prosperità għaċ-Ċittadini kollha tal-UE.)

⁶ Nefqa militari totali, prezzijiet kostanti. Sors: Bażi ta' Data tan-Nefqa Militari tas-SIPRI.

⁷ Niinistö, S. (2024) Safer Together: Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness.

nazzjonali, b'kooperazzjoni limitata u d-duplikazzjonijiet assoċjati, tagħmel ħsara lill-kumpaniji tad-difiża Ewropej kompetittivi u toħloq dipendenzi strateġiċi. Stat ta' thejjiha aktar qawwi fir-rigward tad-difiża, anki permezz ta' assi spazjali, kif ukoll il-mobbiltà militari, huma meħtieġa kemm bħala deterrent kontra aggressjoni fil-futur kif ukoll biex l-Ukrajna tiġi appoġġata lejn il-kisba tal-paċi. Dan kollu jirrekjedi żieda fil-finanzjament u l-ottimizzazzjoni tiegħu għad-difiża madwar l-UE. Bħala parti minn Unjoni Ewropea tad-Difiża vera, l-Ewropa se jkollha tonfoq aktar, tonfoq aħjar, u tonfoq flimkien. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea f'Marzu.

Il-gwerra, in-nuqqas ta' sigurtà, il-faqar u n-nuqqas ta' opportunitajiet jikkontribwixxu għall-ispostament fi ħdan il-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE lejn l-Ewropa u l-migrazzjoni irregolari minnu⁸. L-Ewropa għamlet ħafna progress fl-istabbiliment ta' approċċ magħqud għall-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri, iżda l-migrazzjoni se tkompli tkun sfida u l-kisba tar-riżultati dwarha se tibqa' prijorità għall-Ewropej. Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin qed jissarrfu fi profitti ta' natura kriminali. L-użu tal-migrazzjoni bħala arma fil-fruntieri tal-UE juri li issa jeżistu forom ġodda u ibridi ta' theddid li jiżirgħu nuqqas ta' qbil u nuqqas ta' fiduċja fis-soċjetajiet Ewropej. Il-baġit fit-tul li jmiss għandu għalhekk jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE kif ukoll is-sħubijiet komprensivi mal-pajjiżi tal-orijini u ta' tranżitu. Għandu jkun jappoġġa wkoll lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkollhom l-għarfien espert, il-kapaċità operattiva u finanzjarja li jkollhom bżonn għall-implimentazzjoni tal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Is-suċċess tas-suq uniku jiddependi wkoll fuq il-kapaċità tiegħu li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej kollha. Filwaqt li d-disparitajiet reġjonali u territorjali tnaqqsu b'mod sostanzjali, inkluż permezz tal-politiki ta' koeżjoni tal-UE, 29 % taċ-ċittadini tal-UE għadhom jgħixu f'reġjuni bi PDG *per capita* ta' inqas minn 75 % tal-medja tal-UE u madwar 135 miljun persuna jgħixu f'postijiet li, f'dawn l-aħħar 20 sena, bil-mod il-mod waqgħu lura⁹. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jimpjegaw kważi żewġ terzi tal-forza tax-xogħol tal-UE u jirrappreżentaw ftit aktar minn nofs il-valur miżjud tagħha, iżda ħafna minnhom jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess għas-Suq Uniku, inkluż minħabba proċeduri burokratiċi kumplessi, piżijiet amministrattivi għoljin, u nuqqas ta' servizzi ta' informazzjoni u appoġġ¹⁰. Huwa meħtieġ li jiġi xprunat l-investment biex jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku madwar l-Ewropa, iżda huma meħtieġa wkoll riformi biex jitneħħew l-ostakli għall-iżvilupp reġjonali, eż. ostakli għall-investment, ostakli regolatorji u dgħufijiet fis-suq tax-xogħol u fl-ambjent tan-negozju.¹¹ Jeħtieġ li nerġgħu nghanquq s-soċjetà tagħna permezz tal-edukazzjoni u l-investment fin-nies. Dawn l-isfidi jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' politika ta' koeżjoni u tkabbir imsaħħa u modernizzata, li taħdem fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.

Is-sigurtà tal-ikel u l-ħarsien tan-natura jsostnu l-kwalità tal-ħajja tal-Ewropa iżda qed jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi. Il-bdiewa, is-sajjieda u ż-żoni rurali qed jiġu affettwati dejjem aktar minn kompetizzjoni globali inġusta, minn prezzijiet ogħla tal-enerġija, nuqqas ta' bdiewa u sajjieda zgħażaġh u diffikultajiet biex jaċċessaw il-kapital. Minkejja l-appoġġ sostanzjali mill-Politika Agrikola Komuni, l-introjtu agrikolu għal kull ħaddiem għadu volatili u ferm taħt il-paga medja fl-ekonomija tal-UE (60 % fl-2023). Fil-każ tas-sajd kostali fuq skala żgħira, il-paga medja fl-2021 kienet madwar nofs il-paga medja tal-ekonomija. Meta jitqies li

⁸ Niinistö, S. (2024), *ibid.*

⁹ Letta, E. (2023), *ibid.*

¹⁰ Letta, E. (2023), *ibid.*

¹¹ 9th Cohesion Report, Highlights and policy takeaways (Id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni, L-elementi ewlenin u punti politiċi), p. Ix.

fl-2020 6.5 % biss tal-bdiewa kellhom anqas minn 35 sena, l-agrikoltura tal-UE qed tixjieħ¹². Ikunu meħtieġa madwar EUR 62 biljun biex tingħalaq id-diskrepanza fl-investiment fis-settur agrikolu u jitwettqu t-tranżizzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u tal-enerġija tiegħu¹³. Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima qed ifisser li s-sistema alimentari qed tiġi esposta għal riskji dejjem akbar. Filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet mid-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agricoltura u l-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel li jmiss, Politika Agrikola Komuni li hija adatta għall-iskop tagħha trid tippovdi appoġġ immirat lill-bdiewa li l-aktar jeħtiġuh, tippromwovi eżiti ambjentali u soċjali pożittivi permezz ta' premjijiet u inċentivi għas-servizzi tal-ekosistema u tappoġġa l-kundizzjonijiet abilitanti xierqa għal żoni rurali b'saħħithom. Trid issir aktar sempliċi, immirata u ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investiment u r-regolamentazzjoni, u tiżgura li l-bdiewa jkollhom introjtu ġust u suffiċjenti.

Id-diżastri aktar frekwenti u drammatiċi relatati mal-klima għandhom impatt soċjali u ekonomiku qawwi.¹⁴ L-ispiża medja tad-diżastri naturali rduppjat minn EUR 8 biljun fis-sena fis-snin 1980 għal EUR 16-il biljun fl-aħħar deċennju. Fl-2021 u l-2022, l-ispejjeż qabżu l-EUR 50 biljun kull sena u laħqu l-EUR 40 biljun fl-2023, l-aktar sena sħuna rreġistrata madwar id-dinja. Skont ir-Rapport ta' Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa tal-2024, it-telf ekonomiku akkumulat jista' jilħaq EUR 175 biljun (jiġifieri madwar 1.4 % tal-PDG tal-UE) f'xena ta' tisħin ta' 3°C. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dawn ir-riskji, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rakkomandat li l-finanzjament tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima jkun tali li jibqa' validu għall-futur¹⁵. Dan se jirrikjedi li tiżdied il-ħidma fuq ir-reżiljenza u t-tħejjija fejn jidhru l-klima u l-ilma: filwaqt li nsegwu l-oġettivi tagħna tal-Patt Ekoloġiku bħala parti mill-istrateġija tagħna ta' tkabbir ekonomiku, se jkun meħtieġ li t-tħejjija għar-riskji klimatiċi li qed jikbru tibqa' oġettiv kumplessiv għall-azzjoni tal-UE, kemm internament kif ukoll esternament.

Ix-xenarju politiku u ekonomiku dinji joħloq sfidi kbar li qatt ma kien hawn bħalhom qabel. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna reġġet għet il-gwerra lejn il-kontinent Ewropew. L-appoġġ finanzjarju, politiku u militari tal-Ewropa għall-Ukrajna jrid jiġi sostnut sakemm ikun hemm bżonn u huwa investiment fis-sigurtà Ewropea. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani qed toħloq instabbiltà madwar ir-reġjun kif ukoll qed twassal għal żieda fil-ħtiġijiet umanitarji. Kompetizzjoni inġusta dejjem tikber u pożizzjoni ekonomika u ġeopolitika aktar aggressiva dgħajfu s-sistema multilaterali globali li tirrifletti bidla mill-kooperazzjoni għall-kompetizzjoni u kunflitti li qed jiżdiedu. Inqas minn 20 % tal-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli¹⁶ jinsabu f'qagħda li jistgħu jitwettqu fil-ħin, b'diskrepanza persistenti fl-investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-ħtiġijiet umanitarji qed ikomplu jiżdiedu: fl-2024, huma meħtieġa EUR 45 biljun madwar id-dinja għall-assistenza umanitarja, aktar mid-doppju meta mqabbla mal-2019. Hija meħtieġa politika barranija Ewropea b'finanzjament aktar immirat u li jħalli impatt għas-sħab tagħna u allinjament aħjar mal-interessi strateġiċi tal-UE biex ikollna sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku.

¹² Il-Kummissjoni Ewropea (2024) Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE.

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, 2023. Factsheet: Financing gap in the agriculture and the agri-food sectors in the EU (Skeda informattiva: Id-distakk fil-finanzjament fis-setturi tal-agrikoltura u agroalimentari fl-UE).

¹⁴ [Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe \(Telf ekonomiku minn estremitajiet relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa\)](#). EEA, Ottubru 2024.

¹⁵ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, L-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE – L-azzjoni mhijiex tlaħħaq mal-ambizzjoni, Rapport Speċjali 2024/15.

¹⁶ In-Nazzjonijiet Uniti (2024), The Sustainable Development Goals Report (Rapport dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli).

It-tkabbir huwa imperattiv politiku u ġeostrateġiku. L-adeżjoni mal-UE dejjem se tkun proċess ibbażat fuq il-merti – u kull kandidat se jiġi vvalutat fuq il-progress li jagħmel biex jilħaq il-kriterji kollha. L-UE se jkollha bżonn iżżid l-appoġġ biex tfejji lill-pajjiżi kandidati, permezz ta' investiment u riformi, għall-perspettiva tas-sħubija tagħhom. Il-PDG *per capita* tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia għadu madwar jew inqas minn 50 % ta' dak tal-UE, u l-pass biex tinkiseb il-konverġenza miexi bil-mod. L-Ukrajna se teħtieġ l-appoġġ tal-UE u tal-alleati tagħha biex tiflaħ għall-aggressjoni brutali tar-Russja u tegħleb il-konsegwenzi ekonomiċi tagħha¹⁷. Unjoni akbar u aktar saħħitha tfisser vantaġġi soċjoekonomiċi, politiċi u ta' sigurtà sinifikanti.

Għalhekk, l-iskala tal-isfidi li ġejjin titlob baġit ambizzjuż, kemm fid-daqs kif ukoll fit-tfassil.

3. “L-GĦAŻLA TAL-EWROPA” GĦAL BAĠIT AKTAR SEMPLIĊI, AKTAR IFFUKAT U LI JĦALLI AKTAR IMPATT

Baġit tal-UE aktar iffukat

L-implimentazzjoni li għaddejja tal-qafas finanzjarju attwali tipprovdi xi tagħlimiet dwar kif tista' tiżdied l-aġilità tal-baġit tal-UE u kif jista' jiġi allinjat aħjar mal-prijoritajiet u l-oġġettivi tagħna. Il-flessibilità hija kruċjali biex tiġi ggarantita l-kapaċità tal-baġit li jirreaġixxi għal realtà li qed tinbidel. Madankollu, dan ma jkunx possibbli jekk il-fondi tal-UE jkunu kważi kollha pre-programmati mill-bidu. Aktar minn 90 % tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u n-NextGenerationEU jiġu allokati minn qabel għal skopijiet, programmi jew pakketti nazzjonali speċifiċi¹⁸. B'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet u l-kriżijiet li qed jevolvu mill-2021 ġew indirizzati billi l-fondi eżistenti jingħataw skop ġdid u jiġu riallokati, fi proċeduri li xi drabi jkunu twal, kif ukoll billi jinħolqu fondi, programmi jew miżuri *ad hoc* ġodda, li jkomplu jikkompikaw il-kwistjoni tat-tixrid tal-finanzjament tal-UE. Hija meħtieġa attenzjoni u simplifikazzjoni akbar mill-bidu biex jiġi massimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-UE, fi żmien ta' riflessjoni dwar il-qafas finanzjarju futur.

Ir-rispons tal-UE għall-konsegwenzi ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jipprovdi eżempju ta' kif qafas li jallinja l-oġġettivi ta' politika tagħna mal-prijoritajiet ta' nfiq tagħna jsaħħaħ l-impatt tal-azzjoni komuni tal-UE. Meta l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet għal żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, il-ħtieġa li tkompli titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u li jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli żdiedet. Permezz tal-qafas tas-Semestru Ewropew, ġiet indirizzata rakkomandazzjoni ddedikata lill-Istati Membri kollha, li mbagħad setgħu jimplimentaw permezz ta' kapitoli ġodda tar-REPowerEU fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż b'fondi addizzjonali tal-UE. Bis-saħħa tal-azzjoni konġunta tagħna seta' jitnaqqas il-konsum tal-gass bi 18 % bejn Awwissu 2022 u Marzu 2024, setgħet tingħeleb id-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi, seta' jiġi żgurat aċċess għal enerġija affordabbli u setgħet tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli¹⁹.

Huma meħtieġa aktar sforzi biex jinkiseb baġit tassew ibbażat fuq il-linji ta' politika biex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-politiki tagħna u l-azzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Il-baġit tal-

¹⁷ L-ekonomija tal-Ukrajna baqgħet reżiljenti iżda r-riskji għadhom eċċezzjonalment għoljin minħabba l-inċertezza dwar l-intensità u t-tul tal-gwerra, inkluż mill-attakki kontinwi fuq l-infrastruttura tal-enerġija.; FMI, Stqarrija għall-Istampa Nru PR24/425.

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea (2023) Rapport annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE, Sena Finanzjarja 2022. Volum 1, COM(2023) 401 final.

¹⁹ https://energy.ec.europa.eu/publications/repowereu-2-years_en

UE għadu wisq xprunat mill-istrutturi tal-programmi ta' nfiq aktar milli mil-linji ta' politika. B'riżultat ta' dan, il-finanzjament tal-prijoritajiet ta' politika attwali tal-UE spiss ikun mifruq fuq programmi li xi drabi jikkoinċidu. Hemm lok biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-koordinazzjoni ġenerali tal-politika u l-baġit tal-UE, permezz ta' mekkaniżmu ġdid ta' tmexxija li jorbot il-prijoritajiet tal-UE mal-baġit tal-UE. Fir-rigward tal-kompetittività, l-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, flimkien ma' Semestru Ewropew simplifikat iffukat fuq ir-riformi u l-investimenti fil-livell nazzjonali, se tiffirma parti minn mekkaniżmu ta' tmexxija koerenti u sempliċi biex jiġu informati d-deċiżjonijiet dwar l-investimenti u r-riformi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. B'mod aktar ġenerali, il-mod kif il-politiki tal-UE jinfurmaw u jappoġġaw il-prijoritajiet baġitarji jista' jittejjeb, biex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jappoġġa l-beni pubbliċi Ewropej, b'mod partikolari l-proġetti transfruntiera.

Koerenza akbar fil-finanzjament tal-politiki interni u esterni hija kruċjali biex jiġu promossi aħjar l-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Il-komplementarjetà mal-azzjoni esterna tal-Istati Membri teħtieġ koordinazzjoni biex jiġu massimizzati l-effettività u l-viżibbiltà tal-investment u l-kooperazzjoni globali Ewropej. Għal din ir-raġuni, meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, ġie stabbilit "Tim Ewropa" biex jiġi żgurat rispons globali koordinat u komprensiv mill-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi Ewropej. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-approċċ ta' "Tim Ewropa" sar is-sinla tal-finanzjament tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali. L-inizjattiva Global Gateway issegwi dan l-approċċ, billi tgħaqqad il-forzi biex tidentifika interessi komuni u tmexxi mewġa ġdida ta' investment infrastrutturali madwar id-dinja. Fl-istess ħin, il-finanzjament tal-azzjoni esterna jkopri wkoll firxa wiesgħa ta' oqsma b'interkonnessjonijiet sinifikanti fil-politika interna u esterna - mill-politika kummerċjali kumplessiva sal-materjali, l-enerġija, il-klima, il-migrazzjoni. Ir-rieżami tal-aħjar Prattika u tal-aktar għodod effiċjenti, u ż-żieda fil-firxa tagħhom, ikun ta' għajjnuna biex jintlaħqu l-interessi ta' sigurtà strateġiċi u ekonomiċi tal-UE u jissaħħu s-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, fil-viċinat tal-Ewropa u lil hinn minnu.

Baġit tal-UE aktar sempliċi

L-aċċess għall-finanzjament tal-UE huwa mxekkel mill-komplessità eżistenti. Filwaqt li l-għadd ta' programmi ta' nefqa sa ċertu punt diġà tnaqqas fil-bidu tal-perjodu attwali, għad hemm aktar minn 50 programm ta' nefqa fil-baġit u programmi oħra barra minnu²⁰. Filwaqt li dan juri l-ambitu wiesa' tal-finanzjament tal-UE, dan iżid ir-riskju ta' trikkib u jnaqqas l-impatt u t-trasparenza filwaqt li possibbilment iħalli lakuni minħabba n-nuqqas ta' approċċi ta' finanzjament komprensivi u kkoordinati għal prijoritajiet trasversali bħall-kompetittività. Fl-UE, "id-dgħufijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-innovazzjoni" (...) ma jħallux li jiffaċċaw setturi u parteċipanti ġodda, [u] jibdeu b'ostakli fil-perkors mill-innovazzjoni sal-kummerċjalizzazzjoni"²¹. Dan jinkludi lakuni fl-appoġġ mill-baġit tal-UE, peress li ma jipprovdux finanzjament bla xkiel mir-riċerka għall-innovazzjoni permezz tal-iżvilupp u l-użu. Din il-frammentazzjoni, flimkien mal-komplessità u r-riġiditajiet, hija ta' piż fuq l-effettività tal-finanzjament tal-UE.

Il-benefiċjarji għandhom diffikultajiet biex jinnavigaw fil-multipliċità tar-regoli u l-kriterji, minkejja l-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti fil-qafas finanzjarju attwali²².

²⁰ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2023). Ix-xenarju finanzjarju tal-UE - Struttura frammentata li teħtieġ aktar simplifikazzjoni u obbligu ta' rendikont. Rapport Speċjali tal-

²¹ Draghi, M. (2024: 4). The Future of European Competitiveness, Part A: A competitiveness strategy for Europe.

²² Pereżempju, ġew introdotti diversi miżuri ta' simplifikazzjoni fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni, prinċipalment permezz tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni: tnaqqis qawwi fil-verifiki ta' ġestjoni, il-"prinċipju ta' awditu uniku", arranġamenti proporzjonati għall-awditu, possibbiltà estiża biex jintużaw għażliet ta' kostijiet issimplifikati u finanzjament mhux marbut ma' skemi ta' kostijiet.

Meta jkun hemm regoli ta' eliġibbiltà, proċessi ta' applikazzjoni, rati ta' kofinanzjament differenti, kif ukoll punti ta' dħul multipli għal applikanti potenzjali, dan kollu jqiegħed f'riskju l-ħeffa u l-kwalità tal-implimentazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Dawn jistgħu jimminaw ukoll il-kisba tal-objettivi tal-UE, jekk ikunu inkonsistenti. Ir-rispons għal sejħa għal proposti għall-aċċess għall-fondi tal-UE jista' jkun kumpless, u partikolarment ta' piż għall-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju²³. Illum hemm aktar minn 30 għodda li jipprovdu assistenza teknika u opzjonijiet ta' appoġġ, b'lok għas-simplifikazzjoni u l-eliminazzjoni tad-duplikazzjonijiet. Barra min hekk, aktar ma r-regoli jkunu kumplessi, aktar ikun għoli r-riskju ta' żbalji fl-infiq. Punt ta' dħul uniku veru għall-benefiċjarji għas-servizzi kollha ta' finanzjament u konsulenza tal-UE fil-qafas finanzjarju li jmiss jista' jiffaċilita l-aċċess għall-benefiċjarji.

Il-frammentazzjoni tax-xenarju finanzjarju tissarraf ukoll f'wisq dokumenti ta' programmazzjoni, li jirrikjedu l-użu ta' ħafna riżorsi mill-amministrazzjonijiet kollha involuti u jwasslu għal dewmien. Il-qafas finanzjarju attwali jinkludi aktar minn 10 fondi allokatu minn qabel²⁴ li jeħtieġu sforzi separati ta' ppjanar u programmazzjoni. Dan joħloq piż amministrattiv kbir għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u għall-promoturi tal-proġetti fil-bidu ta' kull perjodu finanzjarju u jwassal għal dewmien sostanzjali bejn it-tnejn tal-qafas finanzjarju u l-implimentazzjoni fil-prattika. Dan kien il-każ ukoll fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, fejn l-adozzjoni tard tal-leġiżlazzjoni settorjali u l-proċess twil biex jiġu adottati dokumenti ta' programmazzjoni wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni. Pereżempju, il-programmi operattivi tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni ma ġewx adottati qabel nofs l-2022²⁵.

Minħabba l-adozzjoni tard ta' programmi operattivi u l-koeżistenza ta' diversi fondi bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'dan tal-aħħar li għandu qafas ta' żmien strett, u l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali ffukaw l-ewwel fuq it-tlestija tal-implimentazzjoni tal-fondi skont il-qafas pluriennali 2014-2020 taħt ir-regola "n+3", tħallsu anqas minn 7 % tal-allokazzjoni għall-2021-27²⁶, li minnhom aktar minn nofs huma finanzjament minn qabel.

L-iprogrammar skont l-iffinanzjar tal-azzjoni esterna, b'mod partikolari għal NDICI - Ewropa Globali, ukoll dam sa 3 snin.

L-implimentazzjoni bil-mod ta' xi programmi fil-prattika tirriżulta f'impenji pendenti oġhla jew "*Reste à liquider*" (Figura 1)²⁷ u riskju oġhla ta' diżimpenji, u tista' tirriżulta f'inefficijenzi, peress li l-prijoritajiet ta' politika jkunu ċċaqalqu meta jkun hemm dewmien sinifikanti ta' diversi snin bejn l-istabbiliment tal-prijoritajiet, l-iprogrammar u l-implimentazzjoni reali tal-investimenti.

²³ Għal dak l-għan, il-portal STEP jipprovdi l-ewwel ħarsa ġenerali, għalkemm limitata, tas-sejħiet għal proposti, li tiffoka fuq teknoloġiji innovattivi, kemm fil-livell tal-Istati Membri/reġjonali kif ukoll għal programmi ġestiti direttament fil-livell tal-UE.


²⁴ Il-programmi li ġejjin huma allokatu minn qabel fil-livell nazzjonali: Il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u, barra mill-baġit tal-UE jew mill-qafas finanzjarju pluriennali, il-Fond Soċjali għall-Klima (mill-2026) u l-Fond għall-Modernizzazzjoni.

²⁵ L-atti settorjali ġew adottati f'Ġunju 2021 u l-programmi operazzjonali tal-Istati Membri fit-tieni nofs tal-2022. Minkejja l-pjanijiet direzzjonali ambizzjużi tal-Istati Membri li kienu jipprevedu l-preżentazzjoni tal-programmi tagħhom lill-Kummissjoni għall-adozzjoni sa tmiem l-2020.

²⁶ https://cohesiondata.ec.europa.eu/cohesion_overview/21-27.

²⁷ Ara wkoll COM(2024) 276 final. 26.6.2024.

Figura 1. Impenji pendenti tal-baġit tal-UE



Nota: EUR, prezzijiet kurrenti, aġġustati għall-eqreb biljun. Is-snin 2024-2027 jikkorrispondu għall-previżjoni tal-pagamenti fit-tul.

Baġit tal-UE b'impatt akbar

Il-baġit tal-UE jingrana l-kapaċità finanzjarja kumplessiva tal-Unjoni. L-arkitettura finanzjarja usa' tal-programmi ta' nfiq tal-UE tinkludi self, garanziji u strumenti finanzjarji appoġġati mill-baġit tal-UE, u timmobilizza l-kofinanzjament mill-Istati Membri u mill-benefiċjarji. Permezz ta' InvestEU u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-baġit tal-UE jneħħi r-riskji mill-proġetti innovattivi u jattira l-investimenti mis-settur privat. 95 % tal-promoturi tal-proġetti rrapportaw li l-proġetti tagħhom jew ma kienu jipproċedu xejn jew inkella ma kinux jipproċedu kif ipplanat kieku ma kienx għall-finanzjament ta' InvestEU. Barra minn hekk, 58 % tal-promoturi tal-proġetti ħassew li l-finanzjament garantit ta' InvestEU kellu impatt fuq finanzjaturi oħra jew fuq id-deċiżjonijiet tal-investituri li jimpenjaw ruħhom għall-proġett.

Madankollu, it-tħajjir ta' investimenti privati għadu jippreżenta sfida fil-baġit attwali għat-tul. Hemm lok biex tiġi ottimizzata l-kapaċità ta' assorbiment tar-riskju tal-baġit tal-UE biex jiġi massimizzat l-impatt tar-riżorsi pubbliċi. Pereżempju, huwa meħtieġ proviżjonament oġhla biex jiġu appoġġati setturi li jiffaċċjaw aktar diffikultajiet meta jiġu biex jaċċessaw il-finanzjament tas-suq, eż. setturi b'riskju għoli, jew setturi speċjalizzati bħall-bijodiversità jew prodotti soċjali. Dan jista' jiġi kontrobilanċjat minn prodotti oħra ta' proviżjonament aktar baxx. Il-kapaċità tal-baġit tal-UE li jimobilizza l-investment privat permezz ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju hija mxekkla minn rieda limitata għar-riskju peress li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jibqgħu ffukati l-aktar fuq investment b'riskju relattivament baxx²⁸. Kien diffiċli li jiġu appoġġati proġetti relatati mad-difiża permezz ta' InvestEU fil-baġit pluriennali attwali minħabba r-regoli interni tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-fondi fil-baġit ta' InvestEU ġew miżjuda b'mod sostanzjali min-NextGenerationEU. Minħabba l-iskadenzi aktar stretti tan-NextGenerationEU, l-approvazzjonijiet ġew antiċipati ħafna, u eżawrew id-disponibbiltajiet għal ħafna prodotti finanzjarji. B'riżultat ta' dan, wara l-2025 se jieqfu l-approvazzjonijiet ġodda għal xi prodotti finanzjarji b'mod partikolari f'żoni ta' riskju għoli²⁹. L-użu ta' sorsi ta' finanzjament differenti mill-finanzjament bankarju għadu ma laħaqx il-potenzjal tiegħu: pereżempju, il-kapital ta'

²⁸ Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness. Part A – A competitiveness strategy for Europe.

²⁹ SWD(2024) 229 final.

riskju tal-UE huwa sottożviluppat, b'fondi li jiġbru biss 5 % tal-kapital ta' riskju globali meta mqabbel ma' 52 % fl-Istati Uniti. It-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali se tkun kruċjali biex jiġu attirati l-investimenti privati. Fl-istess ħin, il-baġit tal-UE jista' jikkomplementa u jimmobilizza l-investimenti privati u b'hekk jagħmilha aktar faċli għall-banek kummerċjali, l-investituri u l-kapital ta' riskju biex jiffinanzjaw kumpaniji li qed jikbru malajr u jindirizzaw l-ostakli li jirrestrinġu l-ammont ta' kapital Ewropew disponibbli għall-finanzjament tal-innovazzjoni. Jeħtieġ li l-UE tuża aħjar il-baġit tagħha biex tnaqqas ir-riskji u tinfed aktar finanzjar nazzjonali, privat u istituzzjonali.

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali se jirrikjedi l-massimizzazzjoni tal-investment pubbliku u l-ingranaġġ tal-kapital privat. L-investment biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE u biex jitneħħew l-ostakoli lejn l-Unjoni tal-Enerġija tagħna joffri l-opportunità biex l-Ewropa tbaxxi l-prezzijiet tal-enerġija, iżżid is-sigurtà tal-enerġija tagħha u tiegħu post fuq quddiem fit-teknoloġiji nodfa. Biex jintlaħaq dan l-għan se jkun hemm bżonn ir-razzjonalizzazzjoni tal-finanzjament tal-UE għat-teknoloġiji nodfa, b'konċentrazzjoni fuq it-teknoloġiji fejn l-UE għandha vantaġġ u potenzjal qawwi għat-tkabbir. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju tal-UE bħalissa jeskludi l-ispejjeż operatorji, fejn id-diskrepanzi fil-kostijiet huma l-akbar³⁰. Il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u tal-opportunitajiet ta' finanzjament ixkekkel il-possibbiltà li l-kumpaniji innovattivi jespandu, u dan huwa speċjalment il-każ fejn jidhru l-kumpaniji teknoloġiċi ġodda u innovattivi. In-nuqqas li nikkapitalizzaw fuq ir-rivoluzzjoni diġitali huwa wieħed mill-fatturi li qed ifixklu l-kompetittività tagħna u se jirrikjedi investimenti sostanzjali biex jinżamm il-pass mal-kompetituri ewlenin tal-Ewropa: għalhekk, il-kisba ta' skala suffiċjenti fil-proġetti strateġiċi ta' appoġġ se tkun kruċjali biex timtela l-lakuna fl-innovazzjoni tal-Ewropa. F'dan ir-rigward, il-Fond Ewropew tal-Investment jista' jintervjeni biex ikompli jiffinanzja kumpaniji Ewropej b'potenzjal għoli u li qed jikbru malajr. B'mod ġenerali, hemm aktar lok biex tiżdied l-addizzjonalità tal-infiq tal-UE biex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jiffoka fuq investimenti li kieku ma kinux jimmaterjalizzaw.

Enfasi aktar qawwija fuq il-prestazzjoni għenet fl-allinjament tal-objettivi tal-politika tal-UE mal-infiq tal-UE. Xi programmi mxew lil hinn minn pagamenti bbażati fuq ir-rimborż tal-ispejjeż lejn mudelli ta' twettiq li huma aktar iffukati fuq l-objettivi u r-riżultati li għandhom jinkisbu. Dan mhuwix biss fil-każ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – programm fuq skala kbira fejn il-pagamenti jiddependu fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi predefiniti – iżda wkoll jgħodd għal programmi oħra bħall-Faċilità għall-Ukrajna u l-Faċilità għat-Tkabbir tal-Balkani tal-Punent. Intużaw mekkaniżmi oħra biex itejbu l-prestazzjoni tal-infiq tal-UE, bħall-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż³¹, u l-ippjanar strateġiku. Pereżempju, inkisbet orjentazzjoni tal-prestazzjoni aktar qawwija fil-Politika Agrikola Komuni permezz ta' Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali mfassla madwar il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet nazzjonali, li jorbtu wkoll l-interventi kollha ma' indikaturi li jippermettu l-valutazzjoni tal-progress tal-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Madankollu, dan għadu ma neħħiex il-kumplessità eċċessiva fil-livell tal-bdiewa individwali. Fir-rigward tal-koeżjoni, il-Kunsill issottolinja l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar kif il-politika ta' koeżjoni tista' ssir aktar ibbażata fuq il-prestazzjoni bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effiċjenza tagħha, filwaqt li tibni fuq l-esperjenzi tagħha stess kif ukoll fuq it-tagħlimiet meħuda minn strumenti oħra tal-UE, u fuq il-punti b'saħħithom tagħha – il-ġestjoni kondiżiva, il-governanza f'diversi livelli, l-approċċ ibbażat fuq il-post u l-prinċipju tas-

³⁰ Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness. Part A – A competitiveness strategy for Europe.

³¹ L-ammonti huma kkalkulati bħala approssimazzjoni *ex ante* tal-ispejjeż reali. Din hija possibbiltà għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni u bħala regola taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-Faċilità għall-Ukrajna jew il-Faċilità għat-Tkabbir tal-Balkani tal-Punent.

shubija³². L-opinjoniġiet tal-Pjattaforma Fit-for-Future dwar l-evalwazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni li jirriżultaw minn konsultazzjoni tan-network tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' ċentri reġjonali appellaw ukoll għal aktar enfasi fuq il-prestazzjoni³³.

Jeħtieġ li jkun hemm għaqda bejn enfasi aktar qawwija fuq il-prestazzjoni mas-simplifikazzjoni u r-responsabbiltà. L-approċċi bbażati fuq il-prestazzjoni għandhom karatteristiċi pożittivi importanti relatati mal-effiċjenza u l-ħeffa tal-implimentazzjoni. Fl-istess ħin, ħolqu spejjeż tad-dħul għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, b'lok għal aktar simplifikazzjoni amministrattiva³⁴. Barra minn hekk, għandhom daqstantieħor jitqiesu fatturi importanti ta' responsabbiltà u traċċabbiltà tal-fondi tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat oqsma li għandhom lok għal titjib^{35,36}.

Filwaqt li l-baġit tal-UE kkontribwixxa għall-promozzjoni ta' prijoritajiet orizzontali bħall-azzjoni klimatika, il-bijodiversità, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għall-iżvilupp ta' qafas ta' prestazzjoni aktar b'saħħtu, hemm lok għal titjib. Minkejja l-progress li sar biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet orizzontali, hemm lok biex tittejjeb il-konsistenza ta' kif il-programmi jintegraw dawk il-prijoritajiet fit-tfassil tagħhom. Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju rivedut jirrikjedi li l-programmi tal-UE jqisu, kull fejn rilevanti u possibbli, il-Prinċipju "La tagħmilx ħsara Sinifikanti", il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjeg, u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-qafas ta' prestazzjoni tagħna huwa robust u jiżgura li l-programmi jkollhom indikaturi sinifikanti li jippermettu l-monitoraġġ tal-infiq tal-UE u tar-riżultati tiegħu. Madankollu, ir-regoli ta' monitoraġġ u rapportar għadhom kumplessi, b'metodoloġiji u settijiet ta' indikaturi differenti skont il-programmi.

Baġit tal-UE aktar flessibbli

Il-baġit tal-UE jeħtieġ li jibbilanċja l-prevedibbiltà għall-investimenti fit-tul u l-flessibbiltà biex jirrispondi għall-kriżijiet. Il-baġit tal-UE huwa differenti mill-baġits nazzjonali fis-sens li fil-biċċa l-kbira huwa baġit ta' investment soġġett għal ipplanar pluriennali. Fl-istess ħin, jeħtieġ ikun flessibbli biex iwieġeb għal ħtiġijiet mhux previsti (eż. kriżijiet ekonomiċi kbar jew diżastri naturali) jew biex jiffinanzja prijoritajiet ġodda f'konformità max-xenarju globali li jevolvi b'mod rapidu.

Ir-riġiditajiet inerenti tal-qafas finanzjarju pluriennali jeħtieġ li jiġu mtaffija. Storikament dan kien idur mal-livell ta' ftit aktar minn 1 % tal-ING tal-UE, u bħalissa, flimkien ma' NextGenerationEU – 1.7 % tal-ING tal-UE (Figura 2). In-nefqa hija msakkra għal perjodu ta' seba' (7) snin fil-qafas finanzjarju attwali, li jfisser dewmien twil bejn il-mument tat-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, in-nefqiet huma marbuta f'limiti globali annwali kif ukoll f'limiti għal kull qasam ewlieni ta' attività (intestaturi u subintestaturi) li huma stabbiliti fil-bidu tal-perjodu u jillimitaw it-trasferiment tar-riżorsi³⁷. B'seba' intestaturi u żewġ subintestaturi, il-qafas finanzjarju pluriennali attwali għandu l-oġhla numru ta' intestaturi meta mqabbel mal-passat.

³² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni fuq id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni, il-5 ta' Ġunju 2024.

³³ Opinjonijiet tal-Pjattaforma Fit-for-Future dwar l-evalwazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u dwar l-evalwazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew Plus.


³⁴ COM(2024) 82 final.

³⁵ Rapport Speċjali 07/2023: It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF.

³⁶ Rapport Speċjali 26/2023: Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Jitkejjel il-progress li sar fl-implimentazzjoni iżda dan mhux suffiċjenti biex il-prestazzjoni tintwera

³⁷ Il-limiti japplikaw għan-nefqa annwali totali iżda wkoll għall-intestaturi individwali.

Figura 2. Il-baġit tal-UE bħala perċentwal tal-ING³⁸



Il-baġit attwali għandu wkoll xi flessibbiltajiet finanzjarji inkorporati, iżda dawn huma limitati fid-daqs u spiss ikunu riġidi fejn jidħol l-użu tagħhom. Strumenti speċjali lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati ħtiġijiet mhux mistennija. Xi ftit programmi għandhom flessibbiltajiet jew riżervi integrati³⁹. Kollox ma' kollox, il-flessibbiltajiet disponibbli ammontaw għal 3.65 % tal-limiti massimi globali fil-mument tal-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁴⁰. Sal-mument tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju, il-flessibbiltajiet fil-baġit tal-UE kienu diġà eżawriti minħabba d-daqs tax-xokkijiet li kellhom jindirizzaw, l-ewwel u qabel kollox il-konsegwenzi tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, iżda wkoll id-diżastri naturali fl-UE u lil hinn minnha: l-allokkazzjoni annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza kienet ġiet mobilizzata bis-sħiħ fl-2021-2022; kienu ġew allokat i 79 % tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u 75 % tal-marġnijiet mhux allokat i għall-perjodu kollu. B'riżultat ta' dan, l-Istrument ta' Flessibbiltà u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza kellhom jitqawwew, u nħolqu żewġ strumenti ġodda, l-Istrument EURI u r-Riżerva għall-Ukrajna, biex jirrispondu għal ħtiġijiet mhux previsti.

Fl-istess ħin, il-baġit tal-UE qed jintalab dejjem aktar biex iwieġeb għal ħtiġijiet mhux mistennija, peress li l-kriżijiet li qed tiffaċċja l-Ewropa saru akbar, aktar kumplessi u aktar frekwenti. Bis-saħħa tal-flessibbiltajiet inkorporati u r-riprogrammazzjoni tagħha, l-UE rnexxielha tipprovdi likwidità lill-Istati Membri fi kriżijiet reċenti ewlenin, iżda kienet teħtieġ soluzzjonijiet *ad hoc*. Il-politika ta' koeżjoni, minħabba l-kapaċità tagħha li tuża mezzi sostanzjali fil-livell reġjonali u lokali, kienet mezz importanti għar-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19⁴¹. Imbagħad reġgħet intalbet twieġeb għall-konsegwenzi tal-gwerra

³⁸ Rapportar finanzjarju u ta' rendikont integrat. Ħarsa ġenerali: sena finanzjarja 2023. Disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/publication-detail/-/publication/0f519222-47ed-11ef-aea6-01aa75ed71a1>

³⁹ Dawn huma: ir-“riżerva ta' emerġenza u prijoritajiet” (EUR 9 biljun għall-2021-27) fi ħdan l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, ir-riżerva agrikola fil-PAK (ftit inqas minn EUR 500 miljun fis-sena fl-2021-2022 u mill-inqas EUR 450 miljun fis-sena mill-2023); faċilitajiet tematiċi taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

⁴⁰ Marġini mhux allokat i u strumenti speċjali tematiċi u mhux tematiċi, kif ukoll ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u l-faċilitajiet tematiċi.

⁴¹ Permezz tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus, kif ukoll ta' REACT-EU.

ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna (bl-Azzjoni tal-Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa – CARE⁴² u FAST-CARE⁴³, kif ukoll SAFE⁴⁴ biex jiġu appoġġati l-SMEs u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli li qed jiffaċċjaw spejjeż għoljin tal-enerġija). Meta l-għargħar infirex madwar l-Ewropa, b'żieda fl-intensità u fid-daqs, l-istrumenti attwali u l-istruttura attwali tal-koeżjoni ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet urġenti. Il-Kummissjoni għalhekk ipproponiet li tkompli temenda r-regoli eżistenti tal-politika ta' koeżjoni b'RESTORE, biex tippermetti appoġġ aktar wiesa' għall-isforzi ta' rikostruzzjoni wara diżastri naturali. Filwaqt li dawn is-soluzzjonijiet *ad hoc* ikkontribwew għal rispons Ewropew b'saħħtu, kienu jirrekjedu ħafna żmien, u pprovdew rispons frammentat għal xokkijiet ripetuti, kbar u simetriċi, filwaqt li kienu ta' piż fuq objettivi oħra taħt il-politika ta' koeżjoni.

Baġit li jwettaq il-prijoritajiet tal-UE

Huma meħtieġa mekkaniżmi qawwija biex jiggarrantixxu li l-fondi jwettqu l-prijoritajiet ta' politika tal-UE. L-investimenti kollha appoġġati mill-baġit tal-UE, kemm jekk implimentati mill-Kummissjoni kif ukoll jekk flimkien mal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, għandhom jikkontribwixxu għal dawn il-prijoritajiet maqbula b'mod komuni.

It-twettiq tal-prijoritajiet tal-UE jrid isir flimkien – mal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li jsawru ħafna mill-investimenti tal-UE fil-prattika, u bil-baġit tal-UE li jappoġġa u jinċentiva l-azzjoni tagħhom. Enfasi akbar fuq il-prestazzjoni tappoġġa riżultati tanġibbli, billi tiżborża fondi meta l-objettivi miftiehma jkun ntaħqu b'mod li jidher. Dan, flimkien ma' qafas komuni (eż. il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, il-kundizzjonalità) jgħin biex jissaħħaħ it-twettiq konġunt tagħna tal-prijoritajiet tal-UE.

Barra minn hekk, ma għandu jintefaq lanqas euro wieħed għal attivitajiet fejn il-prinċipji tal-istat tad-dritt ma jkunux salvagwardjati jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ma tkunx garantita. L-istat tad-dritt u l-governanza tajba huma prerekwiżiti biex jiġi żgurat li l-fondi jintużaw biss għall-iskop maħsub tagħhom. Bir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, l-Unjoni attrezza lilha nnifisha bi strument effettiv biex tipproteġi l-baġit tal-UE kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, flimkien mal-kundizzjoni abilitanti orizzontali skont il-Politika ta' Koeżjoni, urew kif il-baġit tal-UE jista' jippromwovi riformi li jsaħħu l-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt⁴⁵ wera kif l-Istati Membri għamlu progress f'dawn l-aħħar snin, iżda n-natura u l-grad tal-isfidi għadhom ivarjaw bejn l-Istati Membri. L-isfidi li fadal jinkludu l-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja, l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji, l-aċċess għall-ġustizzja, u l-ġlieda kontra l-kunflitti ta' interess u l-korruzzjoni.

⁴² Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1-5.

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2022/2039 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) 2021/1060 fir-rigward ta' aktar flessibilità biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa FAST (Flexible Assistance for Territories - Assistenza Flessibbli għat-Territorji) – CARE, ĠU L 275, 25.10.2022, p. 23-29.

⁴⁴ L-appoġġ għall-miżuri tal-Enerġija Affordabbli taħt il-Politika ta' Koeżjoni, bħala parti mir-REPowerEU. Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE, ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1-2.

⁴⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ir-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea. COM(2024) 800 final.

Ir-rispett għall-istat tad-dritt ma jistax jitqies bħala fatt u għandu jibqa' rekwiżit għall-fondi tal-UE. Il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għandu jinkludi salvagwardji qawwija f'dak ir-rigward. Filwaqt li r-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità japplika għall-finanzjament kollu tal-UE, għad hemm marġni biex tissaħħaħ ir-rabta bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju taħt il-baġit tal-UE, inkluż għall-pajjiżi tat-tkabbir.

4. IL-FINANZJAMENT TAL-BAĠIT TAL-UE

L-immodernizzar tan-naħa tad-dħul tal-Baġit tal-UE huwa neċessarju biex tiġi indirizzata d-dilemma li ġejja: il-ħlas lura tan-NextGenerationEU – li l-UE dejjem se tonora – biswit baġit tal-UE adattat għall-ambizzjonijiet tagħna ma jistax ikun konformi ma' kontribuzzjonijiet finanzjarji nazzjonali stabbli u n-nuqqas ta' riżorsi proprji ġodda.

Bin-NextGenerationEU, l-UE issa hija l-ħames l-akbar emittent fis-suq kapitali Ewropew, bi klassifikazzjoni tal-kreditu għolja. Matul il-perjodu 2021-2027, il-baġit tal-Unjoni qed iħallas l-ispejjeż tal-imgħax assoċjati. Mill-qafas finanzjarju li jmiss, il-baġit se jibda jħallas lura l-kapital (użat għal appoġġ mhux ripagabbli, sa EUR 357 biljun). Il-kapital se jkun tħallas lura kompletament sal-2058 f'konformità mad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Jekk wieħed jassumi l-iżborż sħiħ tal-appoġġ mhux ripagabbli tan-NextGenerationEU, tar-ripagamenti lineari u abbażi tal-previżjonijiet attwali tar-rati tal-imgħax, biex jiġu rimborżati l-kapital u l-imgħax tad-dejn tan-NextGenerationEU, jistgħu jkunu meħtieġa **madwar EUR 25-30 biljun fis-sena matul il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Dan huwa kważi 20 % tal-baġit annwali attwali.** Dan huwa d-doppju tal-baġit annwali għal Orizzont Ewropa, u d-doppju tal-ammont totali tal-baġit għas-sigurtà u d-difiża taħt il-baġit pluriennali attwali għas-seba' (7) snin kollha. Filwaqt li l-fondi għadhom qed jinġabru u l-ambjent fejn jidħlu r-rati tal-imgħax qed jinbidel, fix-xenarji kollha r-ripagamenti tan-NextGenerationEU se jeħtieġu finanzjament sinifikanti fil-futur.

Huwa għalhekk li fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020⁴⁶, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda. Il-Kummissjoni ssodisfat l-impenji tagħha: pakkett komprensiv dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta' riżorsi proprji ġie ppreżentat fl-2021 u aġġustat fl-2023, qabel iż-żmien. Dan jinkludi proposti riveduti dwar is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u riżorsa proprja marbuta mal-profitti tal-kumpaniji fis-settur korporattiv. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll riżorsa proprja bbażata fuq il-Pilastru 1 tal-ftehim tal-OECD/G20 dwar ir-riforma tal-qafas internazzjonali tat-taxxa.

Il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill biex ikompli l-ħidma fuq il-kwistjoni ta' riżorsi proprji ġodda bħala kwistjoni ta' urġenza, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2020 u d-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea⁴⁷.

5. L-ISTATUS QUO MHUWIEX GĦAŻLA

L-Ewropa tinsab f'era ta' bidla profonda – għas-soċjetà tagħna u għas-sigurtà tagħna, l-ekonomija tagħna u għall-pjaneta tagħna. Il-ħeffa tal-bidla toħloq sfidi li jistgħu jiġu

⁴⁶ Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28–46.

⁴⁷ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/>

solvuti biss permezz ta' azzjoni konġunta f'Ewropa magħquda. Huwa imperattiv li l-baġit tal-UE li jmiss ikollu rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-prosperità sostenibbli tal-UE, isaħħaħ id-difiża u s-sigurtà, isaħħaħ il-kompetittività tal-UE, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali, filwaqt li jappoġġa lill-UE fit-triq biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja. Il-baġit tal-UE għandu jkompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-għajxien taċ-ċittadini, il-bdiewa, ir-riċerkaturi, in-negozji u r-reġjuni madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. L-iżgurar tal-prosperità, il-kompetittività, is-sovranià, is-sigurtà, ir-reżiljenza, it-tħejjija u l-influenza globali tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati l-oġhla standards dwar l-istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi. Il-baġit tal-UE jappoġġa dawn il-prijoritajiet kollha u se jirrikjedi sforz ta' tim mill-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati kollha.

Fid-dawl tal-isfidi politiċi u baġitarji diskussi f'din il-Komunikazzjoni, biex il-baġit tal-UE jilħaq dawn l-oġettivi, l-istatus quo mhuwiex għażla⁴⁸. Il-baġit fit-tul li jmiss se jkollu jindirizza l-komplessitajiet, id-dgħufijiet u r-riġiditajiet li jeżistu bħalissa u jimmassimizza l-impatt ta' kull euro li jonfoq, filwaqt li jiffoka fuq il-prijoritajiet u l-oġettivi tal-UE fejn l-azzjoni tal-UE tkun meħtieġa l-aktar. Approċċ ġdid għal baġit modern tal-UE għandu jkollu fil-qalba tiegħu:

- Pjan għal kull pajjiż b'riformi u investimenti kruċjali, u li jiffoka fuq il-prijoritajiet konġunti tagħna, inkluż il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Trid titfassal u tiġi implimentata politika msaħħa ta' koeżjoni u tkabbir, li jkollha r-reġjuni fil-qalba tagħha, fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.
- Fond Ewropew għall-Kompetittività li jistabbilixxi kapacià ta' investment li se tappoġġa setturi u teknoloġiji strateġiċi kritiċi għall-kompetittività tal-UE, inklużi r-riċerka u l-innovazzjoni, u Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni. L-arkitettura komprensiva tal-Fond se tippermettilu jakkumpanja l-proġetti Ewropej tul il-vjaġġ kollu tal-investment, mir-riċerka, sal-fażi tat-tkabbir, l-iskjerament industrijali, sal-manifattura. Dan se jgħin ukoll biex l-investment privat jiġi ingranat u biex jitneħħew ir-riskji minnu.
- Finanzjament imġedded mill-qiegħ għall-azzjoni esterna, biex dan ikollu impatt akbar u jkun aktar immirat għas-sħab tagħna, u aktar allinjat mal-interessi strateġiċi tagħna. Dan għandu jkun ta' kontribut għal politika barranija ġdida.
- Salvagwardji b'saħħithom dwar il-protezzjoni tal-istat tad-dritt.
- Dħul imsaħħaħ u modernizzat, b'mod partikolari permezz ta' riżorsi proprji ġodda, biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti u sostenibbli għall-prijoritajiet komuni tagħna.

6. IL-PASSI LI JMISS

It-tiswir tal-baġit fit-tul li jmiss tal-UE jeħtieġ analiżi kondiviża dwar l-isfidi sottostanti u l-kooperazzjoni mill-qrib, fid-dawl tat-tħejjija tal-proposta tal-Kummissjoni. Baġit tal-UE b'saħħtu u effettiv huwa interess komuni. Għalhekk, il-proposta għall-qafas finanzjarju li jmiss se tibni fuq konsultazzjoni wiesgħa, b'kontribut fil-livell politiku, istituzzjonali u tal-partijiet ikkonċernati, flimkien mal-involvement attiv taċ-ċittadini.

Id-djalogu kontinwu u strutturat mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, f'livelli differenti, madwar l-Ewropa se jkun kruċjali biex jiġi ddeterminat x'għandu jiġi ffinanzjat u kif għandu jiġi ffinanzjat il-futur konġunt tagħna. Quddiem dan l-isfond, il-

⁴⁸ Id-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, it-8 ta' Novembru 2024.

Kummissjoni se tinvolvi ruħha f'livelli differenti fi proċess inklużiv b'ħala parti mit-tnejnija tagħha għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Djalogu komprensiv mal-partijiet ikkonċernati se jappoġġa t-tnejnija tal-baġit tal-UE tal-futur. Dan jinkludi sensiela ta' konsultazzjonijiet tematiċi pubbliċi mnedija llum bi tnejnija għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti ta' nfiq tal-UE. It-tnejnija ta' pjattaforma għall-involviment taċ-ċittadini se tkun l-ewwel pass li jwassal għal Panel taċ-ċittadini dwar il-baġit fit-tul għall-futur, li se jsir minn Marzu sa Mejju. Il-pjattaforma se tistieden liċ-ċittadini biex jissieħbu fid-dibattitu. Il-Konferenza Annwali dwar il-Baġit f'Mejju 2025 se tkun opportunità biex jinġabru flimkien il-fehmiet differenti, f'dibattitu inklużiv u miftuħ, bi tnejnija għal qafas finanzjarju ambizzjuż.

Il-Parlament Ewropew se jkun attur importanti fit-tfassil tal-baġit fit-tul li jmiss. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa r-rapport li għandu joħroġ fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew. L-involviment u l-kontribut ta' istituzzjonijiet u korpi oħra, b'ħall-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni se jarrikkixxu wkoll id-dibattitu dwar it-tfassil tal-finanzi futuri tal-UE.

Quddiem dan l-isfond u biex ikun hemm biżżejjed żmien għal konsultazzjonijiet sinifikanti ma' partijiet ikkonċernati differenti, il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta l-qafas finanzjarju li jmiss f'Lulju 2025. Il-proposta tal-Kummissjoni se tiżgura li l-pakkett li jmiss jikkostitwixxi bażi solida għal ftehim rapidu u f'waqtu dwar il-qafas finanzjarju li jmiss ferm qabel il-bidu tiegħu minn Jannar 2028.

Il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss **irid iwitti t-triq għal Unjoni aktar b'saħħitha u orjentata lejn il-futur.**